MALTA

ATT Nru. XIV ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika.

ACT No. XIV of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

6 ta' April, 1990

ATT Nru. XIV ta' l-1990

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 li jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att XXIX ta' l-1975

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tal-Kabinett" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Prim Ministru". Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu:

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(2) Il-Kap tax-Xirka jkollu d-dritt jilbes, bħala dekorazzjoni l-insinja tax-Xirka preskritta fir-regoli li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att.".

4. (1) L-artikoli 6 u 7 ta' l-Att prinċipali għandhom jitħassru. Enumerazzjoni mill-ġdid ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali u revoka ta' ċerti dispożizzjonijiet tiegħu.

(2) It-Taqsima III ta' l-Att prinċipali għandha titħassar.

(3) It-Taqsima IV ta' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima V tiegħu, u l-artikoli 19 u 20 ta' l-Att

prinċipali, li jinsabu f'dik it-Taqsima, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 28 u 29 tagħha rispettivament.

(4) (a) It-Taqsima II ta' l-Att prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima III tiegħu;

(b) It-Titolu tat-Taqsima III ta' l-Att prinċipali kif enumerata mill-ġdid għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Midalji tar-Repubblika";

(ċ) L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar; u

(d) L-artikoli 8, 9, 10, 11 u 12 ta' l-Att prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 10, 11, 12, 13 u 14 rispettivament.

Żieda tat-Taqsima II ġdida ma' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TAQSIMA II

L-Ordni Nazzjonali tal-Meritu

Twaqqif ta' l-Ordni u *Motto*.

6. (1) Għandu jkun hemm u qed titwaqqaf b'dan l-Att, ordni nazzjonali ta' meritu li tkun magħrufa bħala l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-Ordni.

(2) Il-*motto* ta' l-Ordni jkun *"Virtute et Constantia"*.

Imsieħbin ta' l-Ordni.

7. (1) L-Ordni tkun magħmula minn imsieħbin li l-President, fuq parir miktub tal-Prim Ministru, minn żmien għal żmien jaħtar skond u salvi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Ċittadini Maltin biss ikunu jistgħu jinħatru bħala msieħbin ta' l-Ordni.

(3) Sħubija onorarja ta' l-Ordni tista' tingħata lil ċittadini barranin li jkunu ddistingwew lilhom infushom bis-servizz tagħhom fil-promozzjoni u twettiq ta' relazzjonijiet internazzjonali jew li jkunu kisbu r-rispett u l-gratitudni tal-poplu tal-Gżejjer Maltin.

(4) Ir-riferenzi għas-sħubija jew għas-sħubija onorarja jinkludu l-gradi kollha ta' sħubija elenkati fl-artikolu 8 ta' dan l-Att.

Gradi ta' l-Ordni.

8. (1) L-Ordni jkun magħmul minn erba' gradi ta' sħubija: Kumpannji ta' l-Unur, Kumpannji, Ufficjali u membri ordinarji.

(2) In-numru ta' msehbin f'kull grad ta' l-Ordni għandu jkun kif ġej:

(a) mhux iktar minn tliet persuni fl istess waqt ma għandhom ikunu Kumpannji ta' l-Unur ta' l-Ordni:

Iżda, biex jiġi stabbilit in-numru ta' msehbin fil-grad, ma għandhomx jitqiesu dawk l-imsehbin li jkollhom jew kellhom il-kariga ta' President ta' Malta jew ta' Prim Ministru;

(b) mhux iktar minn tnax-il persuna fl-istess waqt ma għandhom ikunu Kumpannji ta' l-Ordni:

Iżda mhux iktar minn erba' membri ta' dan il-grad ma għandhom jinħatru fl-1990 u mhux iktar minn żewġ persuni f'kull sena li tiġi wara;

(ċ) mhux iktar minn għoxrin persuna fl-istess waqt ma għandhom ikunu Uffiċjali ta' l-Ordni:

Iżda mhux iktar minn seba' membri ta' dan il-grad ma għandhom jinħatru fl-1990, u mhux iktar minn tliet persuni f'kull sena li tiġi wara;

(d) mhux iktar minn mitt persuna fl-istess waqt ma għandhom ikunu membri ordinarji ta' l-Ordni:

Iżda mhux iktar minn għoxrin membru ta' dan il-grad ma għandhom jinħatru fl-1990, u mhux iktar minn għaxar persuni f'kull sena li tiġi wara.

(3) Meta jkun inħatar in-numru totali ta' msehbin fi grad, għandhom jinħatru iktar imsehbin f'dak il-grad meta jiġi li jkun hemm vakanza.

(4) Il-ħatriet ikunu b'sehħ minn Jum ir-Repubblika.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4) ta' dan l-artikolu ma għandhomx ikunu jgħoddu għall-ħatriet ta' msehbin onorarji.

(6) Il-President ta' Malta u l-Prim Ministru għandhom bis-saħħa tal-kariga tagħhom ikunu Kumpannji ta' l-Unur ta' l-Ordni. Il-Presidenti u l-Prim Ministri kollha preċedenti jkunu Kumpannji ta' l-Unur ta' l-Ordni.

Titoli u l-Insinja ta' l-Ordni.

9. (1) Imsieħeb jew imsieħeb onorarju ta' l-Ordni jkollu jedd li jilbes l-insinja ta' l-Ordni kif preskritt għall-grad tiegħu jew tagħha fir-regoli li jsiru skond dan l-Att.

(2) L-imsehbin ta' l-Ordni jkollhom il-jedd li jġibu dawn l-ittri wara isimhom fl-okkażjonijiet kollha meta dawn l-ittri soltu jintużaw —

(a) Kumpann ta' l-Unur: K.U.O.M.;

(b) Kumpann: K.O.M.;

(ċ) Uffiċjal: U.O.M.;

(d) Membru: M.O.M.".

Emenda ta' l-artikoli 10 u 11 ta' l-Att prinċipali.

6. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid, u fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tal-Kabinett" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Prim Ministru".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "tliet ċittadini Maltin fl-1975" fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "għoxrin ċittadin Malti fl-1990";

(b) minflok il-kliem "żewġ ċittadini Maltin" fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "għaxar ċittadini Maltin"; u

(ċ) minflok il-kelma "tletin" kull fejn tinsab fis-subartikolu (2) tiegħu, għandha tidħol il-kelma "mija".

Żieda ta' l-artikoli 15 sa 27 ma' l-Att prinċipali.

8. Minnufih wara l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali, kif enumerat mill-ġdid, għandu jidħol dan li ġej:

"Midalji ta' Tifkira Nazzjonali.

15. (1) Il-President, li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, jista' jordna l-ħruġ ta' midalji biex ifakkru ġrajja, jew l-anniversarju ta' xi ġrajja, ta' importanza nazzjonali.

(2) Il-Midalji ta' Tifkira Nazzjonali għandhom jingħataw mill-President, li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru, lil ċittadini Maltin li jkun jixirqilhom l-unur.

(3) Ma għandhomx jitfakkru iktar minn żewġ ġrajjiet nazzjonali bil-ħruġ ta' midalji f'perjodu ta' għaxar snin, u dawk il-midalji għandhom biss jinħarġu sabiex ifakkru l-ġrajja nazzjonali nnifisha, il-ħamsa u għoxrin, il-ħamsin, jew il-ħamsa u sebgħin sena tagħha jew xi wieħed miċ-ċentenarji jew nofs ċentenarji tagħha.

Midalji għal Servizz Twil u Effiċjenti.

16. (1) Għandha tingħata midalja, li tkun magħrufa bħala Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu msejħa l-midalja, lil membri ta' korpi dixxiplinati li jikkwalifikaw għaliha, mill-Ministri responsabbli għall-korpi. Wara li tingħata l-midalja, jistgħu jingħataw *clasps* għal servizz iktar kwalifikanti għal dan.

(2) Is-servizz kwalifikanti għall-midalji u għall-*clasps* ikun dak stipulat fir-regoli li jsiru skond dan l-Att.

(3) Il-membri u l-ex-membri kollha tal-korpi dixxiplinati li jkunu taw is-servizz tagħhom, b'kollox, tul il-perjodu stipulat fir-regoli magħmulin skond dan l-Att, u li jkunu taw servizz effiċjenti matul iż-żmien kollu, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-midalja u tal-*clasp*.

(4) Għall-fini ta' dan l-artikolu, korpi dixxiplinati ifissru —

(a) il-Forzi Armati ta' Malta;

(b) il-Korp tal-Pulizija; u

(ċ) uffiċjali li jservu fil-Korp tal-Ħabs ta' Malta.

Ilbies ta' midalji.

17. Kull min tingħatalu Midalja ta' Tifkira Nazzjonali jew Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti jkollu dritt jilbisha skond ir-regoli magħmulin skond dan l-Att.

TAQSIMA IV

Dispożizzjonijiet applikabbli għat-Taqsimiet I, II u III

Nomini għal shubija tax-Xirka u ta' l-Ordni, u għall-għoti ta' Midalji.

18. (1) Għandu jitwaqqaf Kumitat tan-Nomini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-Kumitat, li jinħatar mill-Prim Ministru għal dak iż-żmien u skond dawk il-kondizzjonijiet li l-Prim Ministru jista' jistabilixxi, sabiex jipproponi kandidati għal shubija fix-Xirka, fl-Ordni u għall-għoti ta' Midalji; is-Segretarju tal-Kabinett ikun iċ-*Chairman* ta' dan il-Kumitat.

(2) Meta l-Kumitat jipproponi l-kandidati lill-Prim Ministru, dan għandu jiżgura li nomina tkun konformi mal-kriterji għas-shubija fix-Xirka jew fl-Ordni, jew għall-għoti ta' Midalja skond il-każ, u, għal dan il-għan, il-Kumitat ikollu s-setgħa li jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

Uffiċjali.

19. (1) Il-President ta' Malta jkun il-Kap tax-Xirka u ta' l-Ordni.

(2) Is-Segretarju tal-Kabinett ikun il-Kanċillier tax-Xirka u ta' l-Ordni.

(3) Il-President jista', bil-parir tal-Prim Ministru, jaħtar dawk l-uffiċjali l-oħrajn tax-Xirka u ta' l-Ordni skond ma jitqiesu meħtieġin.

(4) Persuna ma titqiesx li hi msieħba tax-Xirka jew ta' l-Ordni għaliex biss hija tkun uffiċjal tax-Xirka jew ta' l-Ordni.

Dokument tal-ħatra.

20. Il-ħatriet bħala msieħeb jew imsieħeb onorarju tax-Xirka jew ta' l-Ordni għandhom isiru b'dokument uffiċjali li jkun iffirmat mill-Kap tax-Xirka jew ta' l-Ordni, bl-awtorità tal-Prim Ministru, u siġillat bis-Siġill tax-Xirka jew ta' l-Ordni, skond il-każ.

Kanċillier tax-Xirka u ta' l-Ordni.

21. Il-Kanċillier tax-Xirka u ta' l-Ordni għandhom iżommu reġistri li jkunu juru l-ismijiet ta' l-imsieħbin u ta' l-imsieħbin onorarji tax-Xirka u ta' l-Ordni, u dawk id-dokumenti kollha li jkollhom x'jaqsmu mas-sħubija fl-Ordni hekk kif jista' jiġi preskritt f'regolamenti li jsiru skond dan l-Att, u għandhom iwettqu dawk il-funzjonijiet l-oħrajn kollha dwar ix-Xirka jew l-Ordni hekk kif il-Kap tax-Xirka jew ta' l-Ordni jista' jeħtieġ li jitwettqu jew hekk kif jista' jiġi preskritt b'dan l-Att jew b'xi regoli li jsiru bis-saħħa tiegħu.

Pubblikazzjoni fil-Gazzetta ta' ħatriet u għotjiet.

22. Il-ħatra u l-promozzjoni ta' l-imsieħbin u ta' l-imsieħbin onorarji tax-Xirka u ta' l-Ordni u l-għoti ta' Midalji skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jiġu avżati fil-Gazzetta.

Temm ta' sħubija fix-Xirka eċċ.

23. (1) Persuna ttemm is-sħubija tagħha fix-Xirka jew fl-Ordni, jew iż-żamma ta' midalja mogħtija bis-saħħa ta' dan l-Att meta:

(a) hija tmut;

(b) hija tirriżenja mix-Xirka jew mill-Ordni, ħlief fil-każ ta' dawk il-persuni li jkunu msieħbin bis-saħħa ta' kariga li jkunu jew kienu jokkupaw, jew bl-għoti lura tal-midalja. It-temm jibda jseħħ mill-jum meta r-riżenja mix-Xirka jew mill-Ordni tasal għand il-Kanċillier tax-Xirka jew ta' l-Ordni, jew il-midalja tingħata lura lis-Segretarju tal-Kabinett;

(ċ) dik il-persuna tkun ħatja ta' kondotta li tirrendiha mhux mistħoqqa li tibqa' msieħba ta' l-Ordni jew tax-Xirka jew li żżomm midalja, u l-ħatra tintemm jew l-għoti tal-midalja jiġi revokat mill-President li jagħixxi fuq riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati skond dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu preskritti b'regoli li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att.

(2) It-temm tas-sħubija skond il-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jiġi avżat fil-Gazzetta.

Għoti lura ta' l-insinja eċċ.

24. (1) Meta b'mod ieħor li ma jkunx il-mewt, persuna ttemm is-sħubija tagħha fix-Xirka jew fl-Ordni, jew iż-żamma tagħha ta' midalja, hija għandha minnufih tagħti lura lill-Kanċillier tax-Xirka jew ta' l-Ordni l-insinja tax-Xirka jew ta' l-Ordni li kienu ngħatawlha; il-midalja għandha tingħata lura lis-Segretarju tal-Kabinett.

(2) Hekk kif sieħeb ta' l-Ordni jittella' għal grad ogħla, huwa għandu jagħti lura lir-Reġistratur l-insinja tal-grad li kien fih qabel ma jkun ittella'.

(3) Min ikollu midalja ma jkunx meħtieġ li jagħti lura l-midalja hekk kif jiddaħħal fis-sħubija tax-Xirka jew ta' l-Ordni.

Siġill tax-Xirka u ta' l-Ordni.

25. (1) Ebda ħatra fix-Xirka jew fl-Ordni u ebda temm ta' dik il-ħatra ma tkun valida ħlief jekk ikollha s-Siġill tax-Xirka jew ta' l-Ordni fuqha skond il-każ.

(2) Is-Siġilli tax-Xirka u ta' l-Ordni jinżammu fil-kustodja tal-President.

Setgħa li jsiru regoli.

26. Il-President jista' minn żmien għal żmien, fuq il-parir tal-Prim Ministru, jagħmel regoli —

(a) li jkunu jippreskrivu dak kollu li skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel dan ta' dan l-Att jista' jew jeħtieġ li jiġi preskritt;

(b) dwar id-disinn, forma u kontenut ta' l-insinja u tal-midalji u l-protokoll ta' kif jintlibsu dawn l-insinji u midalji;

(ċ) dwar il-formalità ta' l-investitura u għotja;

(d) biex jagħmel kull dispożizzjoni oħra anċillari li tkun meħtieġa jew maħsuba xierqa sabiex jingħata effett aħjar għal kull dispożizzjoni ta' dan l-Att.

Użu mhux awtorizzat ta' insinja tax-Xirka, ta' l-Ordni eċċ.

27. Kull min jagħmel użu minn insinja tax-Xirka jew ta' l-Ordni jew ta' midalja stipulata fi jew bis-saħħa ta' dan l-Att, mingħajr ma jkollu dritt jagħmel dan skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel dan ta' dan l-Att, jew li jqiegħed jew iġiegħel li jitqegħdu wara ismu xi ittri li jfissru jew juru li jfissru sħubija fix-Xirka jew fl-Ordni jew iż-żamma ta' midalja skond dan l-Att, mingħajr ma jkollu dritt jagħmel dan skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel dan ta' dan l-Att, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira.".

Emenda ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali.

9. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 29 ta' l-Att prinċipali, kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "tal-Kabinett" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Prim Ministru".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 360 tat-28 ta' Marzu, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati